**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

27 **ta' Lulju 2021**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju fil- 5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 32 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **32.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **32.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 32.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 31 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl li ġew approvati mill- viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **32.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 32.03.01 | Is-Sindku ressaq imejl minn għand is-Sur Chris Cousin għal no objection għal ħruq ta' logħob tan-nar għall-festa ta Marija Bambina bejn l-4 u l-8 ta' Settembru 2021 minn fuq barkun immażrat mill-ponta ta' Bighi. Il-Kunsilliera qablu unanimament li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni. |
| 32.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li rċieva ittra minn għand is-Sur Enzo Cachia mid-dipartiment tal-PA dwar il-kuntratt għal Savagwardja ta' Fondi (ringfencing) għall-Proġett GS/50013/2021 – To develop a Strategic Green Infrastructure Masterplan for Senglea and implimentation of a pilot project. Għal dan il-poġett hemm €35,000 riservat mid-dipartiment tal-PA. |
| 32.03.03 | Is- Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar korrispondenza li qed tagħmel il-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar mal-kumpanija Wise Owl Publication sabiex issir book fair fit-22 t' Ottubru 2021 sa l-4 ta' Novembru 2021 fis-sala tal-kunsill. Ikun hemm bżonn lifter sabiex itelgħu il-materjal tal-kotba u armar fis-sala. Il-Kunsilliera qablu unanimamet. |
| 32.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar it-talba tal-Pirata restaurant sabiex jaqla żewġ bankijiet li mhux qed jintużaw biex ikun jista jarma l-imwejjed. Il- Viċi Sindku s-Sur Anthonuy Bonavia u l-kunsilliera Corinne Buhagiar ma jaqblux. Is-Sindku qal li hija weġgħa għalih li l-anzjani illum m' għadx għandhom fejn joqgħodu bilqegħda u b' ċertu tfal li qed ikun hawn kesħin lanqas it-tfal ma jistgħu jużaw l-open gym. Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv iddiskutew sabiex ikun hemm ronda ta' spiss minħabba dawn it-tfal u sabiex jinġabru dawn ir-roti muturi. Ġie suġġerit li jkun hemm komunikazzjoni mal-appoġġ. |

| | |
|---|---|
| 32.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar imejl mibgħuta mis-Sin Charlene Cassar mill MESD-OPS dwar charging pillars fejn qed jinfurmaw il-kunsill li l-possibilta tal-lokazzjoni ta' dawn ic-Charging pillars huma fi Triq il-Ħabs l-Atnik u Triq ix-xatt fejn ( Dar Sant Anna). Il-Kunsilliera ma qablux ma dawn iż-żoni iżda għandu jsir fejn il-grawnd tal-ponta. |
| 32.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva imejl dwar espressjoni ta' interess għall-Belt jew ir-Raħal Kulturali tas-sena 2022 sabiex niltaqgħu mal-bord tal-evalwazzjoni fit-2 t' Awissu 2021 għall din l-applikazzjoni fejn il-lokalita tal-Isla ġiet magħżula bħala wieħed mill-finalisti għal dan it-titlu. |
| 32.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar imejl mibgħuta minn għand is-Sinj Kristy Bartolo dwar il-proġett Green Belt Prjoect fejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendaw għall-laqgħa fl-uffiċċju tal-Onor. Miriam Dalli sabiex jiġi diskuss dan il-proġett biex ikun hemm aktar konnettivita u spazji miftuħa bejn it-tlett ibliet. |
| 32.03.08 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar imejl mibgħuta mis-Sur Wayne Farrugia fejn qed jinforma lil kunsill li ser jintbgħatu studenti sabiex il-kompjuters jiġu installati sistema ta' *backups* u jigu *formatted* għal daqs tant il-kunsill irrid jinġaġġa it-technichian tal-IT tal-kunsill. |
| 32.03.09 | Is-Sindku ressaq talba permezz ta imejl minn għand is-Sur Stefan Azzopardi White sabiex jintuża l-grawnd għal -tournament tas-SZS mingħajr ħlas.  Il-Kunsilliea qablu ma dan. |
| 32.03.10 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar imejl minn għand Ryan Muscat dwar programm tal-ħruq tan-nar tal-festa minn fuq barkun. Il-Kunsill ser jikkolabora ma dan il-programm fejn ser jinħarġu €250 għalldin il-parteċipazzjoni tal-ħruq tan-Nar għal-festa ta' Marija Bambina. Ġiet diskussa imejl oħra mibgħuta minn Fr. Robin dwar il-kollaborazzjoni tal-ktieb tal-festa li dan ser jiswa €280. Il-Kunsilliera qablu unanimament. |
| 32.03.11 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li ser jattendi għal-laqgħa onlajn dwar il-problema tal-iskart kemm mill-kuntrattur tal-knies, kif ukoll mill-kuntrattur tal-ġbir ta' skart, dawn il-kuntratturi qed issibu problemi biex jingaġġaw nies biex jagħmlu dan ix-xogħol għaliex dawnil-ħaddiema qed jitilqgħu mill-llum għal-għada u l-kuntratturi jinqabdu fuq sieq waħda u  b'nuqqas ta' riżorsi umani sabiex ikomplu jagħtu s-servizz lill-Kunsilli Lokali. |
| 32.03.12 | Is-Sindku informa lil-Kunsilliera li attenda għall -press conference si skema 2 għall-manutenzjonijiet tal-komun fil-binjiet tal-Gvern fit-23 ta' Lulju 2021. |

| | |
|---|---|
| 32.03.13 | Is- Is-Sindku preżenta l-ittra ta Tribunal ta' Revizzjoni tal-Ambjent u l-ippjanar fejn appell numru 122/20 JB għall permess numru PA/06285/19 ġie rtirat għaliex din skond l-avukat hija kawża mitlufha għaliex l-appell daħħal tard. |
| 32.03.14 | Is-Sindku bagħat ċirkulari lir-residenti ta' Triq it-Tarzna sabiex jattendu għal-laqgħa fis-6 ta' Lulju 2021 biex jiddiskutu is-sitwazzjoni tal-indafa u l-ħarsien tal-ambjent f'din iż-żona u s-sitwazzjoni tat-traffiku għas-sajf. Għal din il-laqgħa attendew ħames persuni biss minn 30 residenza. Is-sindku informa lir-residenti li l-kunsill flimkien mal-kunsilliera ma jaqblux li tinalaq it-triq għaliex l-ispejjeż ta dan is-servizz li ma kienx ta suċċess għaliex il-karozzi xorta kienu qed jitħallew jgħaddu, dawn il-fondi ser jintużaw għall aktar indafa fil-lokalita. Ġie diskuss il-parkeġġ li hemm barra l-Maċina u s-sindku informa lil dawn ir-rsidenti preżenti li dak il-parkeġġ mhux taħt il-Kunsill Lokali, iżda huwa tal-AUM. Ġie diskuss li jkun hemm studju mat-TM dwar li x-xatt jiġi One Way sal-kantuniera ta' Triq San Lawrenz u min ikun irrid joħroġ iddur minn Triq il-Miġja tal-Papa ġa la darba jkun hemm ftehim li l-bowsers u trakkijiet kbar li jidhlu għall Boiler Wharf jgħaddu min-naħa ta' Palombo. Ir-residenti preżenti qablu ma dan. |
| 32.03.15 | Is-Sindku ressaq imejl minn għand is-Sinj Lucia Anna Micallef mill-Era fejn qed tikteb lil kunsill li hu obbligat li jipprovid tal-anqas Bring in Site wieħed u l-kunsill mitlub biex jikkuntatja lil l-iskema allokata li hija l-Greenpak. Is-segretarju infurmata li l-kunsill ma għandu l-ebda kuntrattur u dan id-dipartimenti kollha huma infurmati għaliex l-ebda kumpanija minn żewġ kumpanija f' Malta li huma Greenpak u Green Mt ma jridu li jaħdmu f'lokalita żgħira bħal lokalita' tal-Isla. |
| 32.03.16 | Is-Sindku preżenta ittra mibgħuta mis-Sur Mario Fava president tal-Akl fejn qed jibgħat lid-Direttur Ġenerali lis-Sur Attard fejn qed jispjegalu punt, punt id-diffikultajiet li jsibu l-kunsilli lokali qabel ma wieħed biss jibda jitkellem fuq politika ġdida għall-Gvern Lokali. Ftit eżempji tad-diffikultajiet huma:<br>• Nuqqas ta' allokazzjoni<br>• Il-kunsilli jridu jisstennew xi skema jew oħra biex japplikaw għal xi viżżjoni biex titwettaq<br>• Skemi li l-kunsilli applikaw għalihom li ilhom għal aktar minn għaxar xhur biex jiġu aġġudikati |

| | |
|---|---|
| | • Korrispondenza minn sindki li lejn ċertu awtoritajiet li jieħdu ġimgħat jew xhur biex jiġu mwieġba<br>• Proġetti li jsiru minn Aġenziji jew Entitajiet governattivi fejn fihom il-kunsill ftit jew xejn jiġi ikkonsultat<br>• Ċirkustanzi fejn minħabba nuqqas ta ippjannar jingħaddu flus lill-Kunsilli Reġjonali bla ma jingħataw direzzjoni ċara fuq liema proġett għandhom jiġu użati<br>• Ċirkustanzi fejn biex kunsill japplika għall-Devoluzzjoni għal-iċċa art fil-lokalita tiegħu, flok bħala entita' awtonoma tal-Gvern Lokali, jaġixxi b'mod dirett mal-awtorita kompetenti, li f'dan il-każ hija l-awtorita tal-artijiet, irrid l-ewwel jgħaddi mil-għarbil tad-Diviżjoni u dan meta kull Kunsill Lokali suppost jirrappreżenta r-rapporti finanzjarji tiegħu lill-isess Dipartiment.<br>• L-aħħar każ kiend dak tal-Life Policy għall Membri eletti, xi ħaġa li Membri Eletti oħra f'pajjiżi Ewropej għandhom din il-faċilita' bi dritt. |
| 32.03.17 | Is-Sindku peżenta imejl minn għand is-Sur Keith Axiaq mill-kottonera foundation fejn qed jinforma l-kunsill, il-lokazzjonijiet fejn wieħed jista jaqbad mal-mowbajl l-informazzjoni dwar dan il-proġett inovattiv u informattiv għal min iżur il-loaklita tal-Isla. Il-loakzzjonijiet huma:<br>• Pjazza 4 ta' Settembru<br>• Pjazza George Mittrovich<br>• Dock Clock<br>• Gardjola Gardens<br>• Fort St. Michael<br>• Bust J.B. Azoppardo |
| 32.03.18 | Is-Sindku ressaq poroposta minn għand is-Sinj. Isabelle Warrington fejn tixtieq tapplika għal fondi mill-Arts Council sabiex fi Pjazza Andrea Debono issir biċċa arti biex tissebbaħ din il-pjazza. Is-sindku poġġa fuq il-mejda l-abozzi tat-tpinġijiet li resqgħet is-Sinj. Isabelle Warrington u dawn l-abbozzi u disinji intgħoġbu mill-kunsilliera preżenti kollha, għalhekk lis-Sinj. Isabelle ser ninfurmawa li tista tmexxi bl-applikazzjoni u ninfurma lil-periti tal-kunsill. |

| | |
|---|---|
| 32.03.19 | Is-Sindku ressaq proposta li għandu jsir survey professjonali sabiex jiffoka fuq il-bżonijiet u diffikultajiet li hawn fil-lokalita' tal-Isla speċjalment fix-xatt tal-Isla sabiex ikollna bil-miktub is-suġġerimenti u l-ilmenti globalment. Il-Kunsilliera qablu unaninmament li għandu jsir dan is-survey professjonali. |
| 32.03.20 | Is-Sindku ressaq il-proposti li l-kunsill għandu jikollabora mal-kampjonat ta l-isnooker li is-Sur Dejan Grech sporttiv mill-Isla ġie mal-finalisti tal-kampjonat tad-dinja għalhekk is-Sur Malcolm Gatt issuġġerixa li għandu jikkolabora f'dan il-kampjonat u joħroġ €200 għall dan il-kampjonat. Il-Kunsilliera qablu ma din il-kollaborazzjoni għal dan iż-żagħżugħ li ġab unur għal-lokalita' tal-Isla. |
| 32.03.21 | Is-Sindku ressaq spejjeż għall-grawnd bħala sports equipment ( bħal blalen, u apparat żgħir ieħor ta training ) sabiex jiġi reimbursed Mr. Trevor Thomas. Il-Kunsilliera qablu ma dan l-akkwist. |
| 32.03.22 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar il-peress ta reserved parking tal-kappilan iżda dan mhux fil-liġi li jsir. |
| 32.03.23 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li t-tender tal-Van li kuntrattur kien Kind's mhgħadiex valida għaliex il-van li għażilna m'għadux jinħadem għalhekk trid toħroġ tender mill-ġdid kemm jista jkun malajr sabiex ma nitilfux dawn il-fondi. Il-Kunsilliera qablu li għandha toħroġ tender ġdida skond ir-regolamenti tal-akkwisti. |
| 32.03.24 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mas-Sinj Petia Zascheva dwar il-proġett Once Upon a Time sabiex tara jekk jistax jattendi kunsillier biex immur Ruma, is-Sinj. Petia Zacheva qaltli li mill-proġett jistgħu jiġu imħallsa studenti bejn 13 u 16 il-sena u rappreżentat mill-kunsill ieħor biss. Il-Kunsilliera qablu li ma jmorrux la ma jistgħux imorru ta l-inqas tnejn flimkien. |
| 32.03.25 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li l-kuntrattur tan-Niċċa tal-Porto Salvo issa jista jitħallas għaliex ġie ikkonfermat ix-xogħol mil-periti tal-heritage. |
| **32.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla |

| | |
|---|---|
| | Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Nistgħu niċċekjaw li l-parkeġġi tal-Blue Badge huma kollha legali ?<br><br>Dawn tal-Blue Badge kollha jinħarġu minn TM<br><br>Kif ser nibqgħu bis-sleeping police man ta' quddiem il-ħnejja fix-xatt tal-Isla u quddiem l-Old Store fi Triq il-Vitorja ?<br><br>Ħa nibgħatu għall aktar kwotazzjonijiet<br><br>Nistgħu nibgħatu lil tas-sanita sabiex jitfgħu valenu minħabba l-ġrieden fuq is-Sur ?<br><br>Tas-sanita ma jistgħux jitfgħu valenu minħabba l-annimali l-oħra. Meta ser jiġu mnadfa l-culverts tax-xatt u ta' Triq il-Maċina u Triq il-kurċifiss?<br><br>Ser nibgħatu għall kuntrattur. |
| **32.5** | **Rapporti** |
| 32.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-rapport tat-tieni kwart lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl. Ir-Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart ġie approvat mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u il-kunsilliera is-Sinjorina Corinne Buhagiar. |
| 32.5.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order u Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2021 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **32.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 32.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 7 / 2021 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **32.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |

| | |
|---|---|
| 32.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 t' Awissu 2021 fl-4:00p.m |

Konfermati, illum 30 t' Awissu 2021

IFFIRMATA__________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_______
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv